

31981D0209

L 100/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.4.1981

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**  
**tat-30 ta' Marzu 1981**  
**li żżid in-numru ta' l-Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja**

(81/209/Euratom, KEFA, KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 32a tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 138 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-memorandum tagħha tal-21 ta' Lulju 1978 li n-numru ta' l-Avukati Ġenerali għandu jiżdied,

Billi ż-żieda fix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġġustifika żieda fin-numru ta' l-Avukati Ġenerali għal ħamsa;

Billi l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 32a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 166 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 138 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandhom, għalhekk, jiġu emendati biex jiżdied in-numru ta' Avukati Ġenerali;

Billi t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 32b tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 167 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 139 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandhom jiġu emendati biex ir-rinnovament parzjali jkun jikkonċerna żewġ jew tliet Avukati Ġenerali, fejn dawn għandhom ikunu sostitwiti alternattivament;

Billi, biex ikun żgurat it-tħaddim ta' din is-sistema tat-tibdil pre-vista, id-data tat-tmiem taż-żmien tal-kariga ta' l-Avukat Ġenerali maħtur biex jokkupa għall-ewwel darba l-post maħluq b'din id-Deċiżjoni għandha titmexxa l quddiem għas-6 ta' Ottubru 1985,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 32a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 166 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 138 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

“Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-assistenza ta' ħames Avukati Ġenerali.”

*Artikolu 2*

It-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 32b tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 167 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 139 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

“Kull tliet snin għandu jkun hemm rinnovament parzjali ta' Avukati Ġenerali. Żewġ u tliet Avukati Ġenerali għandhom ikunu sostitwiti alternattivament.”

*Artikolu 3*

Iż-żmien tal-kariga ta' l-Avukat Ġenerali maħtur biex jokkupa għall-ewwel darba l-post maħluq b'din id-Deċiżjoni għandu jintemm fis-6 ta' Ottubru 1985.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Marzu 1981.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. BRAKS